

Brussell, 10 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

8866/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0105(NLE)

COASI 63	TELECOM 138
ASIE 24	RECH 205
CONOP 30	CLIMA 140
COTER 72	ENER 123
POLCOM 86	TRANS 173
SUSTDEV 25	TOUR 7
PI 87	EDUC 147
GENDER 38	CULT 50
JAI 580	ENV 327
MIGR 162	POLMAR 26
COHAFA 31	SAN 214
COHOM 65	AGRI 186
CODRO 2	EMPL 174
COMPET 358	STATIS 33

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed
f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt
stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,
l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati
u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”)¹ ġie ffirmat mill-Unjoni fl-14 ta’ Diċembru 2022 u ilu jiġi applikat b’mod proviżorju mill-20 ta’ Ottubru 2024 f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2562².
- (2) Skont l-Artikolu 52(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu stess.
- (3) Matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu, jistabbilixxi gruppi ta’ ħidma speċjalizzati u jadotta t-termini ta’ referenza ta’ dawk il-gruppi.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt rigward l-addozzjoni tar-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt, l-istabbiliment ta’ gruppi ta’ ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta’ referenza ta’ dawk il-gruppi, peress li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjonijiet mehmuża tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 330, 23.12.2022, p. 72.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2562 tal-24 ta’ Ottubru 2022 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas ta’ Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (ĠU L 330, 23.12.2022., p. 70., ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2562/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, l-istabbiliment tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
